**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Novembru 2019**

**Talba Nru: 11/19 CZ**

**Inspectra Limited (C 35757)**

**vs**

**Donna King (passaport Ingliz 551940498)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-23 ta' Jannar 2019 u li permezz taghha talbet il-hlas minghand il-konvenuta ta' elf disa' mija u tlieta w hamsin Euro u sebgha w ghoxrin centezmu (€1,953.87) [sic] bl-imghax mid-data tal-4 ta' Gunju 2018, u ppremettiet li dan l-ammont huwa dovut mill-konvenuta bhala hlas ekwivalenti ta' nofs il-paga li kienet tircievi ghar-rimanenza tal-perjodu ta' zmien illi ghalih kienet obbligat ruhha li tahdem taht kuntratt t'impjieg definit datat il-11 ta' Settembru 2017 ghal perjodu ta' sena, filwaqt li hi telqet mill-impjieg fl-14 ta' Mejju 2018 b'decizjoni unilaterali taghha, u minghajr il-kunsens tas-socjeta' attrici. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 1182/2018 u l-mandat ta' sekwestru numru 1176/2018.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal.

Ra dak dikjarat mill-abbli avukat difensur tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' elf disa' mija u tlieta w hamsin Euro u sebgha w ghoxrin centezmu (€1,953.87) bl-imghax mid-data tal-4 ta' Gunju 2018, li huwa ammont dovut mill-konvenuta bhala hlas ekwivalenti ta' nofs il-paga li kienet tircievi ghar-rimanenza tal-perjodu ta' zmien illi ghalih kienet obbligat ruhha li tahdem taht kuntratt t'impjieg definit datat il-11 ta' Settembru 2017 ghal perjodu ta' sena, filwaqt li hi telqet mill-impjieg fl-14 ta' Mejju 2018 b'decizjoni unilaterali taghha, u minghajr il-kunsens tas-socjeta' attrici.

2. Illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici ddikjara li l-amont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

1. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

2. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

3. Fil-kaz odjern, il-konvenuta giet debitament notifikata u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal.

4. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi l-konvenuta baqghet ma pprezentat lanqas sottomissjonijiet finali bil-miktub.

6. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenuta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija u tlieta w hamsin Euro u sebgha w ghoxrin centezmu (€1,953.27) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, inkluz dawk maghmula sabiex giet notifikata l-konvenuta, ikunu kollha a kariku tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur